MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1134/2008

**Mermaid Media Entertainment Ltd (C38665)**

***kontra***

**GO plc (C22334)**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors mahluf prezentat fit-12 ta’ Novembru 2008 li jaqra hekk -

*1. Illi s-socjeta’ attrici ta’ kull sena torganizza “The Malta Television Awards”, liema avveniment din is-sena se jigi organizzat fit-23 ta’ Novembru 2008 ;*

*2. Illi s-sena l-ohra s-socjeta’ konvenuta kienet l-main sponsor ta’ dan il-avveniment u fil-fatt l-isem kien “The Go Malta Television Awards 2007”.*

*3. Illi ghalhekk meta din is-sena s-socjeta’ attrici bdiet torganizza dan l-avveniment, huma ghamlu kuntatt mas-socjeta’ konvenuta permezz ta’ email datata 7 ta’ Awwissu 2008, fejn l-ewwelnett giet kkonfermata laqgha li kien hemm bejn il-partijiet fejn fil-fatt kienu ftehmu li l-isponsorship da parti tas-socjeta’ konvenuta ghal dan l-avveniment kien se jkun ta’ disghat elef mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49) u dan b’zieda ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mis-sena ta’ qabel ;*

*4. Illi s-socjeta’ konvenuta wara korrispondenza bejn il-partijiet kkonfermaw li kienu lesti li jtellghu l-isponsorship ghal disghat elef mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49), ikkonfermaw illi riedu sittin (60) biljetti VIP u staqsew ghall-istess pubblicita li kellhom is-sena l’ohra ;*

*5. Illi ghalhekk wara dan l-iskambju ta’ korrispondenza, s-socjeta’ attrici qieset li l-offerta li kienu ghamlu lis-socjeta’ konvenuta kienet giet accettata da parti taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kodici ta’ Kummerc ;*

*6. Illi bhala konsegwenza ta’ dan il-ftehim verbali, bejn il-partijiet s-socjeta’ attrici bdiet taghmel dawk il-preparamenti kollha necessarji ghal dan l-avveniment bhal reklamar, press releases u stampar tal-inviti, u li ghalhekk inkorrew f’hafna spejjez. Dawn il-ispejjez kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. MM1 sa Dok. MM3 jammontaw ghal sebghat elef u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€7,050.24) ;*

*7. Illi gurnata qabel ma’ kien se jkun hemm l-press launch ta’ dan l-avveniment u jigifieri fil-29 ta’ Settembru 2008, is-socjeta’ konvenuta nfurmat lis-socjeta’ attrici li ma kinitx se taddempjixxi ghal ftehim verbali li kien hemm bejniethom u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi ;*

*8. Illi sussegwentement fl-1 ta' Ottobru 2008, is-socjeta' konvenuta pprezentat mandat ta' inibizzjoni numru 1513/08 kontra s-socjeta' attrici sabiex tinibiha milli tuza l-isem tas-socjeta' konvenuta. Dan il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju gie kkonfermat b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottobru 2008 ;*

*9. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kellha sad-29 ta' Ottobru 2008, sabiex tipprezenta l-kawza relattiva ghal dan il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, dan hi ma ghamlitux ;*

*10. Illi ghalhekk minhabba dan il-agir abbuziv u llegali da parti tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici soffriet kemm id-danni elenkati fil-paragrafu numru sitta (6) u kemm danni ulterjuri li jigu kkwantifikati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema danni jikkonsistu fil-fatt li bhala konsegwenza tal-agir tas-socjeta' konvenuta, sponsors ohrajn ta' dan il-avveniment irtiraw il-isponsorhip taghhom ;*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Onorabbili Qorti m'ghandhiex:*

*i) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, li ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, sabiex thallas il-penali relattiva minhabba l-fatt li s-socjeta' konvenuta ma ntavolatx il-kawza dwar it-talba kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni numru 1531/08 fiz-zmien stabbilit mil-ligi ;*

*ii) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici li jammontaw ghal sebghat elef u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€7,050.24) ;*

*iii) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' sponsorship li kien gie miftiehem bejn il-partijiet li kien jammonta ghal disghat elef tlett mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49) ;*

*iv) Tillikwida d-danni li soffriet is-socjeta' attrici minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta meta ritirat mill-ftehim verbali li kien hemm bejn il-partijiet ; u*

*v) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u l-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u s-socjeta' konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici flimkien mal-lista tad-dokumenti esebiti minnha.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-10 ta' Dicembru 2008 li taqra hekk -

*1. Illi kif jinghad fil-premessi tar-rikors tas-Socjeta' Attrici, l-istess Mermaid Media Entertainment Ltd. kienet avvicinat lis-Socjeta' Konvenuta fejn talbet "sponsorship" ghall-attivita' li kienet ser tigi organizzata u cioe' dik ukoll indikata mis-Socjeta' Attrici bhala "The Malta Television Awards", liema attivita' kellha tigi mtella f'Novembru 2008 ;*

*2. Illi huwa minnu wkoll li fis-sena 2007, attivita' simili kienet giet ukoll organizzata mis-Socjeta' Attrici, liema attivita' saret fl-24 ta' Novembru 2007 u kienet ufficcjalment sponsorizzata mis-Socjeta' Konvenuta wara li gie milhuq ftehim, liema ftehim gie ridott u legalment perfezzjonat permezz ta' skrittura datata l-1 ta' Novembru 2007 ;*

*3. Illi bis-sahha ta' l-imsemmija skrittura, l-attivita' ghas-sena 2007 giet imtella bl-isem "The Malta Television Awards GO 2007" ;*

*4. Illi l-imsemmija skrittura kienet tistipula diversi kundizzjonijiet li kellhom jigu osservati mill-partijiet, liema kundizzjonijiet kienu ntizi sabiex jikkawtelaw b'mod shih id-drittijiet u l-interessi tal-partijiet ;*

*5. Illi s-Socjeta' GO p.l.c. ma kellha ebda rbit legali fis-sens li qed tippretendi s-Socjeta' Attrici, fatt dan illi jsib sostenn anki fl-istess agir tas-Socjeta' Attrici meta din irreklamat il-"press launch" imsemmi fir-rikors promotur f'paragrafu enumerat bin-numru 7 (sebgha) fejn hija tant ma deherilhiex li kellha xi d-drittijiet legali mehtiega biex tuza l-isem trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c. li m'ghamlet l-ebda uzu ta' tali isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c. jew ghamlet xi riferenza ghas-Socjeta' Konvenuta u dan kif jirrizulta mill-anness dokument hawn anness li qed jigi mmarkat "Dok GO1" ;*

*6. Illi kien biss wara li s-socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd kienet giet informata mis-socjeta' Konvenuta, u dan kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala "Dok GO2", u dan qabel l-imsemmi "press launch", li l-isponsorship ma kienx ser jinghata ghall-attivita tas-sena 2008 u li ghalhekk ma kienet se tigi ffirmata ebda skrittura ghall-isponsorship ta' l-istess, li s-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd, bi ksur tad-drittijiet u ghad-dannu tas-Socjeta' GO p.l.c., unilateralment ghazlet li taghmel uzu mill-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta' tal-istess Socjeta' GO p.l.c., u dan kif jirrizulta mir-ritratt esebit u mmarkat bhala "Dok GO3." Dan il-fatt gie a konjizzjoni tas-Socjeta' Attrici wara li sar tali uzu llecitu ;*

*7. Illi l-iskambju ta' e-mails bejn il-partijiet dejjem kien soggett li kwalsijasi ftehim kellu jitnizzel bil-miktub kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' e-mail datata 14 ta' Awissu 2008, li qed tigi markata "Dok GO4", li allura jfisser li l-partijiet anki ai termini tal-Art. 114 tal-Kap. 13 riedu jissoggettaw il-validita' tieghu ghal dik il-formalita,' formalita del resto li l-istess partijiet kienu adoperaw in konnessjoni mal-isponsorship tal-attivita simili tas-sena precedenti ;*

*8. Illi huwa minnu li s-Socjeta' Konvenuta fl-1 ta' Ottubru 2008 ntavolat talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex is-Socjeta' Attrici titwaqqaf milli tkompli taghmel uzu illectu tal-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c. in konnessjoni mal-attivita taghha. Din l-istess Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, laqghet b'mod definit it-talbiet ghall-inibizzjoni mressqa mis-socjeta' Attrici permezz ta' digriet Taghha tal-10 ta' Ottubru 2008 ;*

*9. Illi nonostante li din l-Onorabbli Qorti laqghet provizorjament din it-talba bid-digriet Taghha tal-1 ta' Ottubru 2008 u wara b'mod definittiv fl-10 ta' Ottubru 2008, is-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. m'ottempratx ruhha mal-ordni tal-Qorti u ttratteniet zgur sa l-10 ta' Ottubru 2008 filghaxija biex tieqaf milli taghmel uzu tal-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c ;*

*10. Illi s-Socjeta' GO p.l.c. ma segwietx il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni b'kawza minhabba raguni valida u dan kif ampjament spjegat fir-ragunijiet moghtija mill-istess Socjeta' Konvenuta fir-Risposta taghha pprezentata ghat-talba tas-Socjeta' Attrici ghal hrug ta' kontro-mandat, kopja hawn annessa u markata "Dok GO5" u dan skond Art. 843 (2) kif maghmul applikabbli bl-Art. 876A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ai termini ta' l-istess Art. 843(2) s-Socjeta' Konvenuta m'ghandha ssofri l-ebda penali f'dan ir-rigward ;*

*11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta' Attrici ma kellha ebda dritt li taghmel uzu mill-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' Konvenuta u ghalhekk kull pretensjoni fir-rigward ta' kull spiza maghmula minnha in konnessjoni ma tali uzu huma nfondati fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda ;*

*12. Illi huwa res ipsa loquitur illi partijiet li jidhlu f'diskussjonijet, sal-mument illi jigi pprefezzjonat il-kuntratt, huma liberi li wara li jaghmlu r-riflessjonijiet taghhom jiddeciedu jekk iridux jintrabtu f'kuntratt vinkolanti*

*jew le mal-parti l-ohra, u dan anki ai termini ta' dak stabbilit f'Art. 111 tal-Kap. 13. Ghaldaqstant, kull pretensjoni fir-rigward ta' kull dannu allegatament soffert mis-Socjeta' Attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda ;*

*13. Salv ecezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-Socjeta' attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni sabiex filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet minnha sollevati, tichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta u l-lista tad-dokumenti esebiti minnha.

**Rat** il-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta li taqra hekk -

*1. Illi s-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. istitwiet proceduri gudizzjarji fil-konfront tas-Socjeta' esponenti, liema proceduri li jgibu r-riferenza 1134/08GV jinsabu appuntati ghal-Gimgha 9 ta' Jannar 2009 ;*

*2. Illi s-Socjeta' GO p.l.c. qieghda tipprevalixxi ruha mill-fakolta' li taghtiha l-Ligi permezz ta' l-Artiklu 396 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tressaq is-segwenti kontro-talba ;*

*3. Illi fis-sena 2007, il-partijiet kienu dahlu f'negozjati bejniethom ghall-isponsorship ta' attivita maghrufa bhala "The Malta Television Awards" liema attivita li nzammet fl-24 ta' Novembru 2007 kienet effettivament giet ufficcjalment sponsorjata mis-socjeta' esponenti wara li kien gie milhuq ftehim, liema ftehim gie ridott u legalment perfezzjonat permezz ta' skrittura datata l-1 ta' Novembru 2007 ;*

*4. Illi sussegwement, is-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. kienet avvicinat lis-Socjeta' GO p.l.c. fejn regghet talbet sabiex is-socjeta' esponenti tisponsorja l-edizzjoni tas-sena 2008 tal-attivita maghrufa bhala "The Malta Television Awards", liema attivita' kellha tigi mtella f'Novembru 2008 ;*

*5. Illi l-partijiet, fl-ebda stadju, ma kienu dahlu f'xi forma ta' ftehim vinkolanti bejniethom ;*

*6. Illi dan il-fatt isib konferma wkoll fl-istess agir tas-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd meta din irreklamat il-"press launch" ghall-attivita citata fejn hija tant ma deherilhiex li kellha xi d-drittijiet legali mehtiega biex tuza l-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c. li m'ghamlet l-ebda tali uzu jew ghamlet xi riferenza ghas-Socjeta' GO p.l.c u dan kif jirrizulta mill-anness dokument hawn anness li qed jigi mmarkat "Dok GO1" ;*

*7. Illi kien biss wara li s-socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd kienet giet informata mis-socjeta' GO p.l.c., u dan kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala "Dok GO2", u dan qabel l-imsemmi "press launch", li l-isponsorship ma kienx ser jinghata ghall-attivita tas-sena 2008 u li ghalhekk ma kienet se tigi ffirmata ebda skrittura ghall-isponsorship ta' l-istess, li s-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd, bi ksur tad-drittijiet u ghad-dannu tas-Socjeta' GO p.l.c., unilateralment ghazlet li taghmel uzu mill-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c., u dan kif jirrizulta mir-ritratt esebit u mmarkat bhala "Dok GO3." Dan il-fatt li gie a konjizzjoni tas-Socjeta' Attrici wara li sar tali uzu llecitu ;*

*8. Illi l-iskambju ta' e-mails bejn il-partijiet dejjem kien soggett li kwalsijasi ftehim kellu jitnizzel bil-miktub kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' e-mail datata 14 ta' Awissu 2008, li qed tigi markata "Dok GO3", li allura jfisser li l-partijiet anki ai termini tal-Art. 114 tal-Kap. 13 riedu jissoggettaw il-validita' tieghu ghal dik il-formalita,' formalita del resto li l-istess partijiet kienu adoperaw in*

*konnessjoni mal-isponsorship tal-attivita simili tas-sena precedenti ;*

*9. Illi permezz ta' l-azzjonijiet taghha meta unilateralment u minghajr ebda awtorizzazzjoni da parti tas-socjeta' esponenti s-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd ghamlet uzu mill-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' esponenti, is-Socjeta' Mermaid Media Entertainment ivjolat kemm id-drittijiet ta' l-awtur kif ukoll dawk tat-trademarks registrati tas- Socjeta' GO p.l.c ;*

*10. Illi per konsegwenza ta' tali azzjonijiet, is-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd irrekat danni lill-istess Socjeta' esponenti.*

*Ghaldaqstant, bil-prezenti, s-Socjeta' esponenti GO p.l.c., umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li –*

*(i) Tiddikjara lis-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. responsabbli ta' l-uzu illectu w abbuziv tal-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c.;*

*(ii) Tiddikjara lis-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. responsabbli tal-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur tas-Socjeta' GO p.l.c.;*

*(iii) Tillikwida d-danni li s-Socjeta' GO p.l.c. soffriet bhala konsegwenza tar-riproduzzjoni w uzu minghajr permess u llegali tal-isem, trademarks, service marks, jew logos propjeta tal-istess Socjeta' GO p.l.c., liema danni ghandhom jigu likwidati f'dan il-gudizzju anke okkorrendo permezz ta' perit jew periti nominandi mehud in konsiderazzjoni li tali uzu gie trasmess fuq il-media u fic-cirkostanzi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.;*

*(iv) Tillikwida d-danni, inkluz ir-restituzzjoni tal-qliegh kollu li sar mis-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd, u l-penali relattivi konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur tas-Socjeta' GO p.l.c. u dan ai termini tal-Art. 43 et seq tal-Kap 415 ;*

*(v) Tordna li s-Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. tikkonsenja lill-istess Socjeta' esponenti kull materjal u kull oggetti kontravvenjenti fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha u dan ai termini tal-Art. 16 et seq tal-Kap. 416 ;*

*(vi) Tikkundanna lill-istess Socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd. tirrizarcixxi d-danni u l-penali kif hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta rikonvenzjonanti u l-lista tad-dokumenti minnha esebiti.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta prezentata fid-9 ta' Jannar 2009 u li taqra hekk –

*1. L-ewwel nett, in-nullita` tal-kontrotalba billi s-socjeta` attrici ma tistax tipproponi din l-azzjoni billi d-dritt ta' azzjoni taghha ddekada stante illi ai termini tal-Artikolu 843 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ghandu zmien ghoxrin (20) jum sabiex jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi u ghalhekk la s-socjeta` Go plc ma avvalatax ruhha ta' dan id-dritt fi zmien prefiss, id-dritt taghha ddekada ;*

*2. It-tieni nett, in-nullita` tal-kontrotalba stante l-inverzjoni tal-okkju tar-rikors guramentat tas-socjeta' Mermaid Media Entertainment Ltd ;*

*3. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost, hija taqbel mal-ewwel erba' premessi tas-socjeta' rikorrenti.*

*4. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, kontrarjament ghal dak illi hemm fil-hames premessa tas-socjeta` rikorrenti, kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet, kif inhuwa ppruvat mid-dokument anness u mmarkat bhala MM5 u MM6 u li ghalhekk wara li saret*

*offerta da parti tas-socjeta` intimata kien hemm l-accettazzjoni da parti tas-socjeta` rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kodici tal-Kummerc.*

*5. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni, din l-accettazzjoni da parti tas-socjeta` attrici tirrizulta minn email datat 18 ta' Awissu 2008 – DOK MM5 – fejn wara email tat-18 ta' Awissu 2008 – DOK MM6 – mibghuta minn Franco Aloisio, Head Corporate Communications and Public Affairs, bil-mistpqsija "I conclude we have an agreement?" r-risposta kienet "Yes definitely, Hallelujah" ;*

*6. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-ewwel; u t-tieni eccezzjoni, is-socjeta` attrici qatt ma taw raguni valida u legali ghal din id-decizjoni taghhom li jirtiraw minn din l-accettazzjoni ;*

*7. Illi wkoll bla preguydizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, kull pretensjoni tas-socjeta` attrici ghall-allegati danni sofferti mis-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu miochuda ;*

*8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici rikonvenjzonata u l-lista tad-dokumenti li esebiet mar-risposta.

**Qieset** bir-reqqa l-provi tal-partijiet.

**Rat** in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpannija attrici prezentata fit-8 ta' Gunju 2009.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-20 ta' Lulju 2009.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat –**

Il-kumpannija attrici (minn issa 'l quddiem tissejjah "Mermaid") torganizza kull sena il-Malta Television Awards. Ghall-awards tal-2007, il-main sponsor kienet il-kumpannija konvenuta (minn issa 'l quddiem tissejjah "GO"). Ghall-awards tal-2008, Mermaid rega` avvicinat lil GO sabiex anke ghal dik is-sena tkun l-isponsor.

Sa hawn ma hemm l-ebda kontestazzjoni.

Il-kontestazzjoni tinsab fil-fatt li min-naha wahda Mermaid tghid li GO accettat u ftehmet maghha li tkun l-isponsor ukoll ghall-2008, thallas is-somma ta' €9317.49, tinghata 60 biljett VIP u l-istess pubblicita` li kellha fis-sena 2007, u min-naha l-ohra GO tghid li l-ftehim ma' Mermaid ma kienx konkjuz, li kull ftehim bil-fomm ma` Mermaid ma kienx validu ghaliex il-partijiet kienu ftehmu li l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' bejniethom kellhom jinkitbu fi skrittura li kellha tkun iffirmata miz-zewg partijiet, fatt li ma avverax ruhu. Ghaldaqstant, tghid GO, hija ma kellha l-ebda rbit legali ma' Mermaid. Per konsegwenza, Mermaid ma ghandha l-ebda dritt tirreklama danni minghandha, anzi bil-maqlub kienet Mermaid li ghamlet uzu bla permess tal-isem, *trademarks*, *service marks* u *logos* propjeta` taghha, u ghalhekk ghandha thallasha d-danni.

**Ikkunsidrat -**

**<u>Sintesi tal-Provi Saljenti</u>**

1. Skond il-materjal ta' pubblicita` esebit (DOK GO1 – fol 22), jirrizulta li l-*official launch* ta' l-Malta Television Awards ghall-2008 kellu jsir fit-<u>30 ta' Settembru 2008</u>.

2. F'email datata <u>14 ta' Awissu 2008</u> (DOK GO4 – fol 25) li GO baghtet lil Mermaid jinghad hekk –

*... GO is ready to increase the sponsorship in cash from Lm 3,000 to Lm 4,000. In return GO will get the same*

*exposure as last year and will get 60 VIP tickets … **Please confirm in order to draft the contract*** (enfasi u sottolinear ta’ din il-Qorti).

3. Fix-xhieda tieghu in kontroezami (fol 95 et seq), Silvio Scerri, direttur ta’ Mermaid, jikkonferma b’riferenza ghad-DOK GO4 li kellu jsir kuntratt bil-miktub mal-GO mhux ftehim bil-fomm. Pero`, skond l-istess xhud, Mermaid baqghet ghaddejja xorta bil-preparamenti ghaliex, fuq l-esperjenza tas-sena ta’ qabel, kien jaf li GO kienet tiffirma tard hafna.,

4. F’email tat-18 ta’ Awissu 2008 (DOK MM5 - fol 33) li Franco Aloisio ta’ GO baghat lil Noelene Miggiani, direttur ta’ Mermaid, wara li jirreferi ghall-inkontru li kellhom dakinhar stess, ighid hekk –

*... I conclude we have an agreement ?*

5. Ghal din l-email wiegbet fl-istess data Noelene Miggiani b’email taghha li tghid (DOK MM6 – fol 34) :

*Yes definitely HALLELUJAH*.

6. Fil-*fax* li l-avukat ta’ GO baghat lil Mermaid datata 29 ta’ Settembru 2008 (DOK GO2 – fol 23) jinghad hekk–

*GO p.l.c. ... reiterates that it has decided not to be one of the sponsors to this year’s Malta Television Awards. No formal contract has been concluded between the parties concerned to make use of GO p.l.c.’s brand name and logo on any item/material of the said event. If your firm proceeds to include GO p.l.c. as a “main sponsor” albiet it is not authorised, please note that no payment will be due and GO p.l.c. reserves in advance the right to claim any damages suffered including damages to its good reputation.*

7. Fl-1 ta’ Ottubru 2008 (DOK FA1 – fol 104), GO harget *press release* fejn qalet li *it is not sponsoring this year’s edition of the Malta Television Awards … The*

*organisers have no right to use GO's logo and brand name without permission from GO.*

8. Fl-1 ta' Ottubru 2008, GO ipprezentat rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra Mermaid (DOK MM7 – fol 37).

Dan kien milqugh provvizorjament fl-1 ta' Ottubru 2008 (fol 41) u b'mod definittiv fl-10 ta' Ottubru 2008 (fol 68 sa 70). Fid-19 ta' Novembru 2008, il-Qorti ordnat il-hrug ta' kontromandat wara talba ta' Mermaid stante li GO naqset li tiddeduci l-pretensjoni taghha permezz ta' kawza fit-terminu moghti mil-ligi.

9. Skond Noelene Miggiani (fol 81 et seq), Mermaid bdiet thejji l-materjal ta' pubblicita` u taghmel bosta xoghol iehor ghalkemm ma kienx hemm kuntratt iffirmat. Dan sar ghaliex fis-sena 2007 il-hidma ta' Mermaid bdiet xorta qabel ma kien iffirmat kuntratt bil-miktub tant li l-kuntratt bil-miktub ghal dik is-sena kien gie firmat tard hafna. Ftit qabel il-*launch*, Franco Aloisio infurmaha li GO ma kenitx se tisponsorizza l-event. Eppure hija baqghet sejra xorta bil-preparamenti. Xi gurnata jew jumejn qabel, GO baghtu email lil Mermaid sabiex ma jsirx uzu mil-*logo* ta' GO. (*Fil-fatt irrizulta li din ma kenitx email izda l-fax tal-avukat ta' Go tad-29 ta' Settembru 2008 fuq riferita*). Ghall-event tal-2008, baqa` ma gie ffirmat l-ebda kuntratt bil-miktub. Billi hafna materjal kien lest bil-*logo* ta' GO fuqu, baqghu ghaddejjin xorta. Il-mandat wasal ghand Mermaid wara l-press launch. Pero` anke wara li rcevew il-mandat, ma setghux jiefqu f'daqqa u ghal kollox mill-uzu tal-*logo* ta' GO specjalment fejn si trattava ta' *internet* ghax il-waqfien kellu jsir gradwalment propju ghaliex ma kienx hemm hin biex kollox isir f'daqqa.

10. Skond Franco Aloisio rapprezentant ta' GO (ix-xhieda tieghu a fol 140 et seq), Mermaid kienet avzata fis-29 ta' Settembru 2008 li *konna ghadna mhux f'posizzjoni li naghlqu l-kuntratt.* Ix-xhud qal ukoll – *mit-18 ta' Awissu, l-ahhar kuntatt li kellna, sa kwazi xahar u nofs wara f'daqqa wahda mbaghad kien hemm ghagla shiha.*

Fil-kontroezami, ix-xhud ikompli jinsisti u jippreciza – *Kien hemm konferma li rridu naghmlu agreement bil-miktub ghax jiena ghidilha "please confirm in order to draft the contract". Li kien hemm, kien blackout wara l-18, jigifieri ahna mit-18 sa kwazi gimgha qabel il-launch ma smajna xejn.* Skond ix-xhud, id-draft ma setax jigi preparat ghaliex *kien hemm punti li ghadhom mhux maghluqin.* Hawn ix-xhud ghamel riferenza ghall-emails skambjati bejn il-partijiet. Jekk Noelene Miggiani fl-email taghha wiegbet *Yes definitely HALLELUJAH,* min-naha taghhom huma qalu *let`s give out something different bhala premju* u skond ix-xhud *ma nahsibx li hija konkluzjoni.*

11. Ghal Franco Aloisio, ir-raguni principali ghala GO ma komplietx bl-isponsorship kien ghaliex *ma rajniex serjeta` min-naha ta' Mermaid li dawn ma ghamlu ebda kuntatt maghna f'perijodu krucjali fejn trid taghlaq kollox inkluz ftehim bil-miktub u l-fatt li bdejn naraw sinjali li mhux kulhadd ha jendorsja dawn it-Television Awards.*

**Ikkunsidrat –**

Dak li trid tistabilixxi l-ewwel din il-Qorti huwa jekk kienx konkjuz kuntratt, validu ghall-fini u effetti kollha tal-ligi, bejn il-partijiet. Huwa fondamentali ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni li wiehed jasal ghal liema verzjoni tal-partijiet hija l-aktar attendibbli. Inoltre din il-Qorti trid tara jekk irrizultax li kien hemm *consensus ad idem* bejn il-partijiet ghax dak huwa essenzjali biex jigi kkreat il-vinkolu kontrattwali Jekk dan kien karenti, allura ma hemmx kuntratt.

Jirrizulta li l-partijiet huma zewg socjetajiet kummercjali. Ghalhekk l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom huma regolati anke mill-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13 tal-Ligiijiet ta' Malta).

Mermaid tghid li ghalkemm ma kienx hemm kuntratt formali u bil-miktub, l-akkordju ma' GO bil-fomm (kif konfermat anke mill-iskambju ta' emails) kien johloq rabta bejniethom. L-istess socjeta` attrici tghid li ssib sostenn fl-Art.110 tal-Kap.13. Infatti fir-rikors guramentat jinghad

hekk - *Illi ghalhekk wara dan l-iskambju ta' korrispondenza, is-socjeta' attrici qieset li l-offerta li kienu ghamlu lis-socjeta' konvenuta kienet giet accettata da parti taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kodici ta' Kummerc.*

Issa l-imsemmi Art.110 jghid hekk -

*Il-kuntratt maghmul b'korrispondenza, sew b'ittra kemm ukoll b'telegramm bejn persuni fil-boghod minn xulxin, mhux perfett jekk l-accettazzjoni ma tasalx lill-proponent fiz-zmien stabbilit minnu jew fiz-zmien li hu soltu mehtieg sabiex wiehed jibghat il-proposta u jircievi l-accettazzjoni, skond ix-xorta tal-kuntratt u l-uzijiet generali tal-kummerc.*

Din il-Qorti ma tarax ghaliex dak l-artikolu ghandu japplika ghall-kaz tal-lum. Tkompli tissottolinea dan anke ghaliex ma saritx aktar riferenza ghalih minn Mermaid specifikament fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

U ma setax ikun mod iehor ghaliex abbazi tal-Art.110 tal-Kap.13, ghad illi sar skambju ta` emails bejn il-partijiet (li illum din il-Qorti tghid li jikkwalifika bhala mezz li **<u>jista'</u>** jwassal anke ghal kuntratt ghall-fini tal-Art.110), ma kien hemm qatt l-accettazzjoni, lanqas fit-termini <u>precizi</u> ta' dak l-artikolu, stante li la rrizulta l-fattur inerenti taz-zmien, lanqas il-formalita` skritta bhala sostanza tal-vinkolu kontrattwali, kif pretiz minn GO u accettat li kellu jkun minn Mermaid.

Min-naha taghha, sabiex tghid li ma kienx hemm kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, GO ticcita favur taghha l-<u>Art.114 tal-Kap.13</u> li jaqra hekk –

*Jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jossoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`.*

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta li z-zewg partijiet qeghdin jaqblu li l-intiza ta' bejniethom kellha tissarraf f'kuntratt bil-miktub iffirmat mit-tnejn.

Dwar l-Art.114 (gia` l-Art.118) tal-Kap.13, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Vella Gera noe vs Darmanin et**" deciza fit-23 ta' Novembru 1956 tghid hekk –

*Skond l-Art.118 tal-Kodici tal-Kummerc, meta jigi miftiehem li l-ftehim verbali ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`. Dik il-prezunzjoni mhijiex "juris tantum" imma "juris et de jure", u hija intiza biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwistjonijiet fil-kummerc, u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi (ara Debates tal-Assemblea Legislattiva, Vol.21 tas-sena 1932-33, p.737, 2a col.). U tabilhaq, li kieku dik il-prezunzjoni kienet "juis tantum", u ghalhekk kienet tista` titwaqqa` bi provi testimonjali, l-effett kollu taghha kien jigi ridott fix-xejn ; ghax l-iskop li ghalih saret, li tiddirimi l-kwistjonijiet u tipprevjeni l-kawzi, ma kienx jista` jigi raggunt. Huwa risaput li l-awtur tal-abbozz ta' dik il-ligi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Gustizzja, kien irrispekkja ruhu fuq it-taghlim talk-Vivante, li fit-Trattat tieghu ppropona ghall-eventwali riforma tal-ligi Taljana "il ritorno alla dottrina romanistica per cui l`accordo sulla forma se presumeva condizione per l`esistenza del contratto" (Trattato di Diritto Commerciale", no.1580, p.75). U d-dottrina romanistica li ghaliha alluda Vivante hija precizament il-Ligi 17 "de fide instrumentorum" (Codex, IV, 16), fejn Gustinjanu kien ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li ghandu jsir bil-miktub, u ma jsirx "non aliter vires sancimus habere ... ut nulli liceat ... quam haec ita processerunt ... aliquod jus sibi ex eodem contractu vel tranactione vindicare".*

Abbazi tal-assjem tal-provi akkwisiti, Mermaid ma tistax tippretendi li *juris et de jure* ghamlet il-prova li l-assenza ta' kuntratt miktub javvalla l-pretensjoni taghha li tista` tavvanza pretensjonijiet ghal danni kontrattwali kontra GO.

Huwa veru li Mermaid bdiet taghti ezekuzzjoni lill-ftehim anki qabel ma gie kompletat izda b'daqshekk ma rrendiex validu l-ftehim li kellu jsir bil-miktub u ma sarx.

<u>Kwalsiasi pretensjoni jew talba ta’ Mermaid, fondata fuq bazi allegatament kontrattwali, senjatament it-tielet talba, qed tkun respinta</u>.

**Ikkunsidrat -**

It-tieni konsiderazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hija din – stabbilit li ma kienx hemm vinkolu kontrattwali bejn il-partijiet, ghax skrittura ffirmata minnhom kien element sostanzjali mhux biss formali, jistax jirrizulta li GO hija passibbli ghal risarciment ta’ danni versu Mermaid ghal allegata *pre-contractual liability* meta ghalkemm bejn il-partijiet kien hemm ftehim verbali huwa allegat li GO ma ghaddietx ghall-kuntratt bil-miktub ghar-ragunijiet diga` moghtija.

In kwantu jirrigwarda *pre-contractual liability,* irid jinghad li l-ezistenza ta' dan l-istitut fil-ligi taghna ghadu dubbjuz u mhux ben definit. Dan l-istitut ma giex introdott fil-Kodici Civili taghna bhal ma sar f'pajjizi ohra bhall-Italja u l-Germanja. Kien hemm kawzi fejn il-Qrati taghna dahlu f’din il-materja izda ma jistax jinghad li l-Qrati taghna hadu posizzjoni cara, netta, definita u inekwivoka ghaliex tidher b’mod generali r-riluttanza tal-Qrati taghna li jaccettaw b’mod inkondizzjonat materja li mhix kodifikata.

L-ewwel kaz fejn din il-kwistjoni giet trattata kien fil-kawza “**<u>Giuffrida vs Borg Olivier</u>”** deciza fil-5 ta’ Mejju 1967 fejn il-Qorti tal-Appell dahlet fl-aspetti guridici tal-materja izda llimitat ruhha li tghid b'mod definittiv kien li din il-*pre-contractual liability* m'ghandhiex tapplika ghal Gvern.

Kaz iehor kien deciz fis-26 ta’ Novembru 1971 mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fil-kawza “**<u>Pullen pro et noe vs Matysik et</u>**”. Hemm il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur u ddecidiet li l-agir tal-konvenut li kien propjetarju ta' lukanda u kien dahal fi trattativi ma’ l-attur rigward il-kiri ta' boutique fil-lukanda u kwazi wasal fi ftehim, izda sussegwentement ta l-kirja lil terzi, kien jammonta ghal

*culpa* ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 u ghalhekk kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-agir stante li l-Qorti tal-Appell rriteniet li l-konvenut f'dak il-kaz kien negligenti jew almenu imprudenti meta huwa assikura lill-atturi li kienu ser jiehdu l-kirja.

Ghal dawk li huma danni kien rimarkat illi –

"*it is clear that at law these are those flowing from the breach by defendant of his obligation arising from a valid agreement 'de inuendo contractu'.*"

Kien riaffermat il-hsieb tal-Ewwel Qorti fis-sens illi -

"*the damages to which plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefitting from an obligation which never came into existence*."

Fil-kawza "**Cassar vs Campbell Preston**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Novembru 1971, minhabba l-fattispece partikolari tal-kaz, il-kuncett ta' *pre-contractual liability* kien respint ghax dik id-dottrina ma tiffurmax parti mis-sistema guridiku Malti u ma kellhiex tkun accettata ghaliex altrimenti hadd ma jidhol f'negozjati minhabba l-biza' li jista' jinstab responsabbli ghad-danni. Din il-Qorti tirrimarka li din is-sentenza hija *rara avis* ghaliex decizjonijiet ohra, kif rajna, li kien hemm qabel kif ukoll wara din is-sentenza ttraccjaw linja diversa u ma ghalqux il-bieb ghat-twettieq tal-kuncett mhux daqstant kif sar f'pajjizi ohra izda taht il-kap generali tad-danni risultanti minn delitt jew quasi delitt b'*accorgimenti* appositi.

Fil-kawza "**Grixti vs Grech"** deciza fit-3 ta' April 1998**,** din il-Qorti diversament presjeduta cahdet it-talbiet atttrici

ghal danni rizultanti minn responsabilita' pre-kontrattwali izda rriteniet li azzjoni simili setghet tintlaqa' fejn "*il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjes, bl-aspettativa ta’ ftehim vinkolanti bejnha u bejn parti ohra, u dik il-parti l-ohra li tkun b'kapricc u kwazi malafede jekk mhux necessarjament b'ingann jew b'qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, izda ma sehhx b'konsegwenza ta' dan il-kapricc*".

Imbaghad fil-kawza “**Busuttil vs Muscat noe**” deciza fit-28 ta' Ottubru 1998, din il-Qorti diversament presjeduta rega` rrifjutat it-teorija ta' responsabilita' pre-kontrattwali u rriteniet li nm'huwiex accettabbli li persuna tigi misjuba responsabbli ghal danni talli ma kkkonkludietx ftehim. F'dan il-kaz il-Qorti rriteniet li sakemm ftehim jigi ffirmat, kull parti tista' tittermina n-negozjati minghajr konsegwenzi.

F'kaz iehor aktar recenti fl-ismijiet “**Portelli noe vs Onor. Michael Falzon et**” deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta’ Mejju 2001, inghad hekk -

*"Min jidhol f'negozjati ma’ haddiehor bi hsieb li jikkonkludi kuntratt jista' jallega li kien 'unfairly treated' u, kwindi, jitlob danni taht id-dottrina ta' 'pre-contractual liability'. F'dan il-kaz, pero', mhux biss talba ghad-danni ma saritx, izda, lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ta' qerq da parti ta’ l-awtoritajiet.*

*Biex wiehed jista' jirreklama danni f'dawn ic-cirkostanzi jrid jipprova terminazzjoni ingustifikat tan-negozjati b'agir li kwazi jekwivali ghal dolus ; f'dan il-kaz dan ma jirrizultax."*

Linji simili hadet il-Qorti tal-Appell fil-kawza “**Seguna et vs Kunsill Lokali Zebbug**” deciza fit-3 ta’ Ottubru 2008, fejn anke ghaliex dak kien kaz evidenti ta’ *abuse of administrative discretion*, applikat it-teorija tal-pre-contractual liability ghaliex kienet pruvat mhux semplici culpa izda dolo.

Applikati l-principji li hargu minn din ir-rassenja gurisprudenzjali, din il-Qorti tghid li ma ghandhiex tiddiskosta ruhha mil-linja traccjata minn dawn il-Qrati tul is-snin. Anke jekk fil-kaz tal-lum irrizulta li dak li kien jonqos bejn il-partijiet kien li jitfassal u jigi firmat ftehim bil-miktub, anke jekk irrizulta li fuq l-esperjenza tas-sena ta' qabel Mermaid mexxiet bit-thejjija tal-event minkejja li l-ftehim bil-miktub kien ghadu mhux konkjuz, u anke jekk irrizulta li kien biss fuq l-ghatba tal-*launching* li GO irtirat ghal kollox ghar-ragunijiet li fisser Franco Aloisio fix-xhieda tieghu, fl-istess waqt minn imkien ma rrizulta mill-assjem tal-provi akkwiziti li d-decizjoni ta' GO kienet motivata minn kapricc, qerq jew inkella xi att rasenti d-dolo. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma jistghux jigu likwidati danni lil Mermaid ghal *pre-contractual liability.* <u>Kwindi t-tieni, ir-raba' u l-hames talbiet attrici qed jigu respinti</u>.

**Ikkunsidrat –**

F'din il-kawza, Mermaid talbet ukoll lil din il-Qorti sabiex timponi penali kontra GO skond l-Art. 836(8) tal-Kap.12. Min-naha taghha, GO wiegbet li hi kellha ragunijiet validi u tajba ghala ma tipprezentax il-kawza wara li kienet ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra Mermaid.

Kif jirrizulta mid-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru 2008 (fol 73) il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra Mermaid kien revokat wara talba ta' Mermaid. Il-Qorti rreferiet ghall-Art.843 u l-Art.876A tal-Kap.12.

In partikolari, skond l-Art.843, GO kellha *taghmel kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat*. Huwa pacifiku li din il-kawza ma saritx. Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, *jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha.*

Fil-kaz tal-lum, Mermaid ma ressqet l-ebda pretensjoni skond l-Art.843(2) tal-Kap.12.

Hija bbazat il-pretensjoni taghha kif dedotta fl-ewwel talba taghha abbazi tal-Art.836(8) tal-Kap.12. Din id-disposizzjoni taghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun presentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-Art. 836(8). Fil-kaz tal-lum, Mermaid qed tirreferi ghas-subinciz (a) li jghid hekk - *jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi.*

GO tghid li kellha raguni valida u rreferiet ghad-DOK GO5 fejn indikat ir-raguni meta wiegbet ghat-talba ta' Mermaid ghall-hrug ta' kontromandat ghall-Mandat ta' Inibizzjoni wara li ma kenitx pprezentata l-kawza. Fost hwejjeg ohra, jinghad hekk (fol 27) –

*Illi s-Socjeta' esponenti ma kellha ebda ghan iehor hlief li tippreserva u tissalvagwardja l-isem tajjeb li tgawdi s-Socjeta' esponenti, u ghalhekk ir-rimedju ottenut bid-decizjoni ta' din il-Qorti meta b'mod definittriv laqghet it-talba tas-Socjeta' esponenti kien wiehed sufficjenti, u ghalhekk is-Socjeta' esponenti kellha raguni valida u "tajba" kif kontemplat f'artikolu 843(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Fin-nota ta' osservazzjonijiet kopjuza taghha, GO iddedikat biss zewg paragrafi ghall-kwistjoni tal-penali u cioe` it-63 u l-64 fejn rega` kkonfermat il-posizzjoni li hadet fid-DOK GO5.

Din il-Qorti ma taqbilx li GO kellha raguni valida ghala ma tipprezentax il-kawza.

Ghalkemm ma pprezentatax il-kawza, rinfaccjata b'talba ghall-hrug tal-kontromandat, GO baqghet tghid li dik it-talba kienet prematura (ara DOK GO5). Allura din il-Qorti tistaqsi : Jekk dak kien il-kaz, u jekk l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni kien tassew sabiex Mermaid tibqa` ma taghmilx uzu tal-isem, *trademark*, *service marks* jew

*logos* propjeta` taghha, allura mhux suppost li kellha kull interess li zzomm il-Mandat fis-sehh bil-presentata tal-kawza ? Din hija posizzjoni kontradittorja li ssir aktar insostenibbli meta wiehed iqis li GO imbaghad ipprevaliet ruhha mill-azzjoni ta' Mermaid sabiex tipprezenta l-kontrotalba li kienet tikkomprendi sitt talbiet relatati mal-uzu li Mermaid ghamlet tal-propjeta` taghha.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li hemm lok ghall-imposizzjoni tal-penali skond l-Art.836(8).

Il-ligi taghti margini ta' diskrezzjoni lill-Qorti wkoll fir-rigward tal-quantum tal-penali. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tasalx biex tghid li bit-talba ghall-hrug tal-Mandat, l-intenzjoni tal-kumpannija intimata kienet li taghmel hsara lill-bank rikorrent. Tghid dan ghaliex it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni saret fl-1 ta' Ottubru 2008, jigifieri, l-ghada tal-*launch* tal-Malta Television Awards li kien fit-30 ta' Settembru 2008 u jumejn wara l-*fax* tal-avukat ta' GO. Kieku rrizultalha xort'ohra hija kienet timponi l-massimu tal-penali minghajr l-icken esistazzjoni. Fl-istess waqt trid tghid li kien hemm inkonsistenza fil-posizzjoni ta' GO filli min-naha wahda haffef sabiex tipprezenta t-talba ghall-hrug tal-Mandat biex imbaghad bla raguni valida tassew ma tipprezentax il-kawza skond il-ligi biex tkompli thares l-interessi taghha. Att kawtelatorju anke min-nomenklatura tieghu huwa intiz sabiex ihares il-kreditu f'kaz ta' decizjoni favorevoli ghall-kreditur - skond l-Art 829 tal-Kap. 12 "sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur". Meta mbaghad il-kreditur, wara li jirnexxielu jottjeni l-hrug tal-Mandat, ma jiddeducix il-pretensjoni tieghu f'kawza, hemm ikun qieghed jistultifika l-istitut tal-mandati kawtelatorji. Din il-Qorti mhux se tippermetti dan meta l-ordinament guridiku taghna huwa fondat *on the rule of law*.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, <u>din il-Qorti qeghda tiffissa l-penali fl-ammont ta' elf mija hamsa u sittin Ewro (€1,165)</u>.

**Ikkunsidrat –**

Is-sitt talbiet li jiffirmaw il-kontrotalba ta’ GO huma ccentrati fuq l-uzu allegatament illecitu u abbusiv tal-isem, *trademarks*, *service marks* jew *logos* propjeta` taghha. Mermaid wiegbet billi eccepiet in-nullita` tal-kontrotalba.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Il-fatt li wara li ottjeniet il-hrug tal-Mandat, GO ma pprezentatx il-kawza fiz-zmien stabbilit mil-ligi ma jipprekludiex milli tipprocedi b’azzjoni separata mill-Mandat sabiex tavvanza l-pretensjonijiet taghha. Rajna li ghax GO ma pprezentatx il-kawza, sabet ruhha rinfaccjata b’talba ghar-revoka tal-Mandat u b’talba ghall-imposizzjoni ta’penali. Pero` xejn ma jzomm lil GO milli tipprezenta l-kontrotalba dment li jkunu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art.396 sa 402 tal-Kap.12. Din il-Qorti tghid li dawk ir-rekwiziti huma sodisfatti anke wara li tqis li lanqas Mermaid ma hi qeghda tghid li dawk ir-rekwiziti huma karenti.

<u>Ghalhekk tichad l-eccezzjoni ta’ Mermaid dwar in-nullita` tal-kontrotalba</u>.

<u>Dwar l-ewwel u t-tieni talbiet</u>, din il-Qorti tghid, abbazi tal-provi akkwiziti, li l-ewwel darba li GO intimat lil Mermaid sabiex ma taghmilx uzu mill-marki taghha kien bil-*fax* tad-29 ta’ Settembru 2008. Noelene Miggiani tghid li billi hafna materjal kien lest bil-*logo* ta’ GO fuqu, baqghu ghaddejjin xorta. Saret il-*launch* tal-*awards* bil-*logo* ta’ GO. Il-mandat ta’ inibizzjoni jidher li wasal ghand Mermaid <u>wara</u> l-*launch*. Pero` anke wara li rcevew il-mandat, Miggiani taccetta ma setghux jiefqu f’daqqa u ghal kollox mill-uzu tal-*logo* ta’ GO specjalment fejn si trattava ta’ *internet* ghax il-waqfien kellu jsir gradwalment propju ghaliex ma kienx hemm hin biex kollox isir f’daqqa. Mill-ewwel intima ta’ GO lil Mermaid sakemm din effettivament waqfet, ghaddew granet. <u>L-ewwel u t-tieni talbiet jirrizultaw ippruvati.</u>

Dwar it-tielet talba, din il-Qorti tghid li din ma gietx ippruvata b'mod sodisfacjenti. Kien jispetta lil GO li taghmel il-prova tad-danni li tallega li garrbet. Kuntrarjament ghal dak li GO tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, id-danni ma jistghux jigu determinati *arbitrio boni viri.* Izda jridu jirrizultaw abbazi tal-principju tal-"ahjar prova". Dan ma sarx. Fil-fatt GO ma ressqitx prova ta' din ix-xorta u ghalhekk din it-tieni talba qed tkun michuda.

Ir-raba` talba tinqasam fi tnejn. Fir-rigward tal-ewwel parti, anke hawn, kien jispetta lil GO li taghmel il-prova tad-danni in kwistjoni nkluz il-qliegh li sar minn Mermaid bl-uzu tal-propjeta` ta' GO. Din il-prova ma saritx. Ir-ragunijiet diga` moghtija fil-kaz tat-tielet japplikaw bl-istess mod ghal din il-parti tar-raba` talba li allura qed tkun respinta wkoll. Dwar it-tieni parti tat-talba, GO qed tinvoka l-applikazzjoni tal-Art.43 et seq tal-Kap.415. B'riferenza ghas-subinciz (1) ta' dan l-artikolu, din il-Qorti tghid li, filwaqt li tikkonferma li Mermaid kisret id-drittijiet tal-awtur ta' GO, fl-istess waqt tghid li ma tistax tikkundanna lil Mermaid thallas danni ghar-raguni diga` moghtija izda, alternativament, lanqas ma tista` timponi l-hlas ta' penali ghaliex ma jirrizultax li l-Ministru Responsabbli mill-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Awtur stabilixxa skala ta' multi kif jippreskrivi l-istess subinciz (1). Ghar-rigward tal-proviso tas-subinciz (1), filwaqt li din il-Qorti tghid li Mermaid ma ressqitx il-prova ghas-sodisfazzjon taghha in linea ma` dak il-proviso, ma tistax tordna r-restituzzjoni tal-qliegh stante li b'ebda mod ma saret prova ta' dan il-qliegh u wisq anqas sal-grad rikjest mil-ligi. Ghalhekk anke din it-tieni parti tar-raba` talba qed tkun respinta wkoll.

Il-hames talba tinkwadra ruhha fl-ambitu tad-disposizzjonijiet tal-Kap.416. Jirrizulta pruvat li Mermaid ghad ghandha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha materjal jew oggetti li fuqhom tidher it-*trademark* propjeta` ta' GO. Dan il-materjal jew oggetti ghandhom jigu restitwiti lil GO. Ghalhekk din it-talba qed tkun milqugha.

Is-sitt talba hija respinta ghar-ragunijiet diga` moghtija fil-kaz tat-talbiet ohra.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi -**

**Fl-ewwel lok, tilqa` l-ewwel talba attrici u b'applikazzjoni tal-Art.836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici penali fl-ammont ta' elf mija hamsa u sittin Ewro (€1,165).**

**Fit-tieni lok, tichad it-talbiet l-ohra attrici.**

**Fit-tielet lok, tichad it-tielet, ir-raba` u s-sitt talbiet rikonvenzjonali.**

**Fir-raba` lok, tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali.**

**Fil-hames lok, tilqa' l-hames talba rikonvenjonali u ghalhekk tipprefigi terminu ta' xahar mil-lum sabiex il-kumpannija attrici tikkonsenja lill-kumpannija konvenuta l-materjal u l-oggetti kollha li ghandha fil-pussess, kustodja jew kontroll taghha fejn jidhru t-*trademarks* tal-kumpannija konvenuta kif definit fil-Kap.416 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fis-sitt lok, b'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------